# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1249/2008 JVC**

**Michael Calleja [ID 400928M] bhala mandatarju specjali tal-assenti Maria sive Marion Gargano nee Borg [ID 166736M],**

**Joseph Calleja [ID 497123M] u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2009 l-atti gew legittimati f'isem Theresa mart Godfrey Gauci, John, Rose mart Joseph Tanti u Miriam mart Gordon Schembri minhabba l-mewt ta' Joseph Calleja,**

**Josephine Francalanza [ID 351146M], Connie Zarb [ID 16845M],**

**Victoria Alakkad [ID 218342M] f'isimha proprio u bhala mandatarja specjali tal-assenti Lilian Borg [ID 603534M],**

**Mary Magdalene sive Madeleine Stagno Navarra [ID 104644M],**

**George Stagno Navarra [ID 603444M] bhala mandatarju specjali tal-assenti Rita Ponente,**

**Josephine sive Joyce Calleja [ID 416832M],**

**Anna Meilak [ID 399862M], bhala mandatarja specjali tal-assenti Monsinjur Guido Calleja [Passaport Amerikan Numru 086892266], Carmel sive Lino Calleja [Numru ta' Passaport L9429150] u b'digriet tas-7 t'April 2016 l-atti gew legittimati f'isem Monica Pater u Jane Saliba,**

**Josephine sive Joyce Calleja,**

**Michael Calleja bhala mandatarju specjali tal-assenti Stephen Morley u b'digriet tas-7 t'April 2016 l-atti gew legittimati f'isem Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bonello sabiex jirrapprezentaw l-eredita' tal-istess Stephen Morley, fil-kwalita tieghu ta' eredi tal-mejta Giovanna D'Arco Morley u Judith Galea [ID 23022M]**

**vs**

**Rose Gauci [ID 782948], Myriam Kirmond, George Borg, Carmen Pisani u George Tonna, Gejtu Tonna u b'digriet ta' l-10 ta' Novembru 2010 assumew l-atti Alexander u Peter ahwa Tonna stante l-mewt ta' Gaetano Tonna u Louise Azzopardi u Jennifer Cossai fil-kapacita` taghhom ta' eredi tal-mejjet Anthony Tonna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Michael Calleja et ikkonferma bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. ʻIlli Henry Calleja li kellu il-karta tal-identita numru 744324M miet intestat fis-26 taʼ Frar 1998 u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt u mar-ricerki li saru kemm mar-Registru Pubbliku kif ukoll mar-Registru tal-Qrati taʼ Gurisdizzjoni Volontarja kemm fʼMalta kif ukoll fʼGhawdex kif ukoll mid-Degriet numru 160/99 moghti mill-Qorti taʼ Gurisdizzjoni Volontarja ghar-rikors tal-apertura tas-successjoni tieghu favor il-kontendenti kollh (Dok. "A" hawn anness);

2. Illi ai termini tad-Degriet moghti minn din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha permezz taʼ Degriet fuq riferit bin-numru 160/99 lill-imsemmi Henry Calleja wirtuh il-kontendenti kollha kwantu ghal sehem kull wiehed [1] Joseph Calleja, [2] Josephine Francalanza, Connie Zarb u Rose Gauci, bhala terz kull wahda billi it-tlieta huma eredi taʼ ommhom Mary Abela, [3] Victoria Alakkad, [4] Lilian Borg, [5] Mary Magdalene sive Madeleine Stagno Navarra u Rita Ponente bhala terz kull wahda minn sehem wiehed bhala eredi tal-mejta Carmela Maria sive Carmen Mifsud, [6] Joyce Calleja, [7] Maria sive Marion Borg, [8] Monsinjur Guido Calleja, [9] Joyce Calleja, [10] Carmel sive Lino Calleja, [11] Gejtu Tonna, [12] Stephen Morley fil-kwalitaʼ tieghu taʼ eredi tal-mejta ommu Giovanna dʼArco Morley, [13] Judith Galea, [14] Myriam Kirmond li wirtet terz taʼ sehem wiehed bhala co-eredi tal-mejta Carmela Maria sive Carmen Mifsud, [15] George Borg [16] Carmen Pisani [17] George Tonna, u [18] Louise Azzopardi u Jennifer Cossai bhala eredi tal-mejjet Anthony Tonna;

3. Illi l-imsemmi Henry Calleja halla warajh *safe custody boxes* f'wiehed mill-banek lokali f'Malta, proprietajiet immobiljarji u cioe [1] kwart indiviz ta' zewg oqbra enumerati rispettivament (2) Division Letter "W" fis-sezzjoni "A" (1A) compartment Letter "C" u l-iehor enumerat ghaxra f'Division Letter "W" f'sezzjoni Letter "T"f'compartment letter "C" [2] dar bl-isem "Mayfair" enumerata bin-numru erbgha (4) f'St Margaret Street Sliema, diviza f'zewg proprietajiet bin-numru (1) u tnejn (2), [3] l-utile dominium temporaneju ghar-rimanenti perjodu ta' circa hmistax-il-sena bin-numru 80 fi Triq San Gwann il-Battista Sliema, kif suggetta ghac-cens annwu u temporaneju ta' 56 centezmi ta' Euro (gia` 24 centezmi ta' liri maltin, [4] id-dar bin-numru 24 fi Triq Fra Diegu Hamrun, libera u franka [5] id-dar bin-numru 1B bl-isem "Saint George" fi Graham Street Sliema, kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' €10.48, effetti personali li kellu fid-dar tieghu u investimenti barra minn Malta, principalment investimenti ma' Lloyds TSB Group plc., BT Group plc., BG Group plc., Centrica plc., u 02 plc., - kollox kif registrat ma' Lloyds TSB Registrars, oltre investimenti hawn Malta skond ma jirrizulta mal-Malta Stock Exchange;

4. Illi ghadda zmien bizzejjed mill-mewt tad-decujus u r-rikorrenti ma jridux jibqghu igawdu u jipposjedu l-imsemmija assi in komunjoni mal-intimati u bejniethom;

5. Illi l-intimati naqsu li jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha, nonostante diversi tentattivi ghal arrangement bonarju, li ghal xi raguni jew ohra dejjem sfratta, u per

konsegwenza ir-rikorrenti ma ghandhomx triq ohra ghajr li jadixxu fil-Qorti;

6. Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, previa id-dikjarazzjoni illi s-sehem ta' kull parti hija dik indikata fit-tieni premessa ta' dawn il-proceduri, u cioe sbatax-il parti kull wiehed u wahda minnhom, jew is-sehem li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza [1] tillikwida l-assi tal-mejjet Henry Calleja jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi (2) ghaliex una volta likwidati l-assi ereditarju kollu tal-mejjet Henry Calleja m'ghandux dan jigi diviz bejn l-kontendenti, fis-sehem rispettiv kif premess fit-tieni paragrafu ta' dawn il-proceduri jew f'dak is-sehem li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u (3) f'kaz li l-beni formanti l-assi ereditarju tal-mejjet Henry Calleja jirrizulta mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tordna l-licitazzjoni tal-istess beni u r-rikavat jinqasam bejn l-kontendenti eredi skond il-kwoti lilhom spettanti; (4) ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tinnomina Nutar sabiex okkorrendo jircevi l-Att Pubbliku tad-divizjoni fil-jum, hin u lok li jigi ffissat kif ukoll kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess Att-kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Miriam Kirmond et li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti ghandhom kull interess illi l-eredita' ta' Henry Calleja tigi likwidata u diviza skond l-ishma taghhom u ghandhom kull interess ma jibqghux igawdu u jippossjedu l-imsemmija assi in komunjoni mar-rikorrenti u bejnithom;

2. Illi, kuntrarju ghal dak kontenut fir-rikors guramentat tar-rikorrenti, huwa assolutament infondat illi l-esponenti naqsu milli jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha. Tabilhaqq, kienu appuntu l-esponenti illi ittentaw diversi drabi illi jersqu ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-eredita' u dan in pjena konformita' mal-Ligi izda kienu appuntu uhud mir-rikorrenti illi baqghu inadempjenti ghas-sejhiet maghmulin mill-istess esponenti u li tellfu u fixklu kwalsiasi possibilita' ta' divizjoni u likwidazzjoni bonarja u dan kif ser jigi ippruvat ahjar fil-kors tal-kawza;

3. Illi ai termini tad-Digriet minn din l-Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha permezz ta' Digriet bin-numru 160/99, l-eredi ta' l-imsemmi Henry Calleja huma s-segwenti: kwantu ghal sehem kull wiehed minn sbatax (1/17) George Borg u Carmen Pisani, kwantu ghal sehem kull wiehed minn erbgha u tletin (1/34) Louise Azzopardi u Jennifer Cossai ahwa Tonna ulied il-mejjet Anthony u kwantu Myriam Krimond sehem wiehed minn wiehed u hamsin sehem (1/51) indiviz;

4. Illi l-eredita' ta' Henry Calleja hija konsistenti in kwantu ghall-proprjeta' immobbli, l-proprjeta' immobbli elenkata, deskritta u dikjarata fid-dikjarazzjoni *causa mortis* maghmula fl-atti tan-Nutar Dott. Michel Dingli tal-14 ta' Settembru,

1999, hawn anness u markat **Dok. CP1,** in kwantu l-proprjeta' mobbli, hemm dawk il-mobbli depozitati mal-Bank of Valletta p.l.c. f'*safe custody box* wahda mizmuma fil-fergha ta' Triq Manwel Dimech, Sliema, kirjiet migbura u mizmuma min-Nutar Dott. Victor Bisazza u l-investimenti msemmijin fir-rikors guramentat tar-rikorrenti u llum amministrati unikament mis-Sinjur Joseph Felice, oltre il-mobilja u l-effetti personali sitwati fid-dar tar-residenza tad-*decujus,* ic-cavetta ta' liema hija depozitata taht l-awtorita' ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u dan bhala attiv u bhala passivita' hemm kont pendenti dovut ghal spejjez gudizzjarji u drittijiet fir-rigward ta' proceduri li saru sabiex jigu zbankati mill-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Magistrati xi effetti personali tad-*decujus* kif ukoll ic-cavetta tal-fond tar-residenza tad-*decujus* u xi cnus dovuta fuq il-proprjeta' kompriza fl-eredita' tad-*decujus* u dan kif ser jigi ippruvat ahjar fil-kors tal-kawza;

5. Illi, ghar-ragunijiet suespost, l-esponenti jeccepixxu s-segwenti:

(i) Illi filwaqt illi l-esponenti jichdu illi b'xi mod huma naqsu illi jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha, huma ma joggezzjonawx ghat-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat;

(ii) Illi in vista tas-suespost, huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-protest datat 2 ta' Lulju, 2007, kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Mary Rose Gauci fejn eccepiet kif isegwi:

'1. Illi l-esponenti ghandha kull interess illi l-eredita' ta' Enrico Calleja tigi likwidata u diviza skond l-ishma ta' kull eredi u ghandha kull interess li l-assi ereditarji ma jibqghux jitgawdew u jigu posseduti in komunjoni mar-rikorrenti u l-intimati l-ohra;

2. Illi l-interess ta' l-esponenti huwa naxxenti mill-fatt illi hija wahda mill-eredi universali ta' ommha Mary sive Marianna Abela (ID 350615M), li mietet fl-24 ta' Novembru 2007, li min-naha taghha kienet eredi ta' Enrico Calleja ai termini tad-Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha permezz ta' Digriet bin-numru 160/99, u ghalhekk l-esponenti ghandha interess fl-assi ereditarji ta' Enrico Calleja kwantu ghal sehem wiehed u hamsin sehem (1/51) indiviz;

3. Illi, kuntrarju ghal dak kontenut fir-rikors guramentat tar-rikorrenti, huwa assolutament infondat illi l-esponenti naqset milli taddivjeni ghal-likwidazzjoni u divizjoni bonarja ta' l-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha. Huwa opportun li wiehed jinnota illi l-esponenti qatt ma inghatat taghrif komplet u dettalhat dwar il-mewt ta' Enrico Calleja u l-assi ereditarji li devolvew fuq il-mejta ommha Mary *sive* Marianna abela. Tant hu hekk illi l-esponenti giet a konoxxenza ta' dawn il-fatti biss wara li mietet ommha Mary *sive* Marianna Abela fl-24 ta' Novembru, 2007. Minhabba din in-nuqqas ta' konoxxenza ta' fatti essenzjali li maturaw matul ghaxar snin shah, minkejja t-talbiet taghha matul

l-ahhar sentejn, minghajr hadd qatt ma tarrfilha xejn, l-esponenti ma tqeghditx fil-puzizzjoni li tersaq ghal-likwidazzjoni u divizjoni bonarja ta' l-assi kif donnhom jippretendu r-rikorrenti li l-esponenti kollha taghmel minghajr it-taghrif mehtieg u li huma setghu jaghtuha;

3. Illi l-esponenti kienet ireviet talba da parti ta' uhud mir-rikorrenti biex tinghaqad maghhom fil-proceduri legali li kien behsiebhom jibdew kontra l-intimati l-ohra u esprimiet ir-rifjut taghha ghar-raguni li ma kenitx fil-posizzjoni li tiehu tali decizjoni minhabba nuqqas ta' taghrif dettaljat u car dwar l-assi ereditarji filwaqt li sahansitra esprimiet in-nuqqas ta' qbil taghha li l-pendenzi dwar dan il-wirt bejn il-kontendenti jigu rizolti permezz ta' procedura legali meta bi ftit rieda tajba min-naha ta' kulhadd zgur li setghet tinstab soluzzjoni konvenjenti u ugwalment effikaci;

4. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dott.ssa Maria Christina Saydon, l-esponenti itrasferiet b'titolu ta' Donazjoni favur binha l-Avukat Dott. Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana, li accettaw, id-drittijiet kollha ta' proprjeta' u ta' successjoni fir-rigward ta' l-assi ereditarji ta' Enrico Calleja, hekk kif dawn devolvew fuqha bhala eredi ta' ommha Mary sive Marianna Abela, kif ukoll id-drittijiet kollha litigjuzi rigwardanti l-istess eredita' ta' Enrico Calleja. Difatti, kontestwalment ma' din ir-risposta guramentata, l-esponenti ser tipproedi wkoll b'rikors ghall-kjamat in kawza ta' l-Avukat Dott. Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana sabiex, bhala l-legittimi kontradittturi, ikunu parti fil-kawza u jassumu l-atti minflok l-esponenti;

5. Illi, ghar-ragunijiet suespost, l-esponenti teccepixxi s-segwenti:

(i) illi filwaqt illi l-esponenti tichad illi b'xi mod hija naqset milli taddivjeni ghal-likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi in komuni bejn il-kontendenti kollha, hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat;

(ii) illi in vista tas-suespost, l-esponenti mhijiex il-legittimu kontraddittur u ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

(iii) Illi in vista tas-suespost, l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni'.

Rat ix-xiehda, dokumenti, kontro-ezamijiet, rapport u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi bid-digriet tal-20 ta' Mejju, 2009 il-Qorti kif diversament preseduta nnominat lill-Perit Tekniku Mario Cassar biex jaghmel stimi tal-proprjetajiet u pjan ta' divizjoni inkluz jiehu in konsiderazzjoni xi depoziti bankarji;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar a fol. 413 sa fol. 448 tal-process dwar il-valur tal-immobbli in kwistjoni u dwar jekk il-proprjetajiet humiex komodament divizibbli;

Rat illi permezz tad-digriet tas-7 ta' April, 2016 Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo gew mahtura kuraturi sabiex

jirraprezentaw l-eredita' ta' Stephen Morley, konvenut f'din il-kawza;

Rat illi fil-verbal datat 9 ta' Jannar, 2020 il-kawza giet differita ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio familiae erciscundae* li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u divizjoni tal-beni tal-mejjet Henry Calleja bin il-mejtin Carmelo u Innocenza nee' Tonna.

Illi in succint il-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom mhux qeghdin joggezzjonaw li ssir il-likwidazzjoni u divizjoni tal-beni tal-mejjet Henry Calleja skont l-ishma taghhom.

Illi l-imsemmi Henry Calleja miet intestat nhar is-26 ta' Frar, 1998. Huwa ma kienx mizzewweg u lanqas kellu tfal, l-uniku relattiv li kellu kien huh George Calleja li miet qablu u cioe' fl-4 ta' Frar, 1976. Ghalhekk l-imsemmi Henry Calleja la kellu axxendenti u lanqas dixxendenti fil-linja diretta u l-wirt u successjoni tieghu ghadda fuq il-linja kollaterali.

Illi permezz ta' digriet tal-Qorti fil-Gurisdizzjoni taghha Volontarja bin-numru 160/99 (ara digriet u rikors appozitu a fol. 7 sa fol. 10 tal-process), il-ftuh tas-successjoni tal-mejjet Enrico Calleja saret favur l-atturi u l-konvenuti fil-kwoti rispettivi taghhom, li kienu l-primi kugini minn naha materna u dik paterna

tal-mejjet Enrico Calleja. Jinghad li fil-mori tal-kawza odjerna whud minn dawn l-atturi u konvenuti mietu u ghalhekk l-atti gew legittimati skont il-ligi fuq l-parenti taghhom.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuela Jeffries et -vs- Raymond Jeffries et** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla nhar it-28 ta' Novembru, 2013 dwar din l-azzjoni msejha l-*actio familiae erciscundae* inghad illi:

> 'Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs.'

Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Chircop -vs- Pawlu Calleja et** deciza nhar it-12 ta' Novembru, 1951 illi:

> 'Meta tigi ezercitata L-azzjoni ghall- qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u

maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma'.

**<u>Assi in divizjoni:</u>**

**<u>Assi mobbli:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li l-mejjet Enrico Calleja kellu s-segwenti mobbli:

1. zewg (2) safe deposit lockers mal-Bank of Valletta plc;

2. Effetti personali li kellu fir-residenza tieghu Mayfair bin-numru 4, Flat 2 fi Triq Santa Margerita, Sliema;

3. Diversi investimenti kemm l-esteru kif ukoll lokalment.

**Flus u Investimenti mizmuma lokalment:**

Illi fir-rigward l-investimenti mizmuma lokalment xehdet Arabella Micallef (a fol. 334 tal-process) in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange fejn xehdet illi *'…fil-prezent ma hemm xejn.'* Hija esebiet *statements* tat-transazzjonijiet li saru tul is-snin.

Xehed ukoll Romwald Attard (a fol. 341 sa fol. 343 tal-process) in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc fejn sostna li a nom ta' Enrico Calleja bil-karta tal-identita' numru 744324 M huwa sab sebgha (7) kontijiet madanakollu llum il-gurnata *'dawn is-seba' kontijiet huma kollha maghluqin illum. Ma' hawnx dettalji.'* Ix-xhud esebixxa wkoll *statements* tal-kontijiet bankarji. Iddikjara li kull ma fadal mal-bank huwa *safe deposit locker* li kien infetah fl-1 ta'

Novembru, 2005 minn Nutar Bisazza u Nutar Marcelle Dingli. Esebixxa dokument li jindika kemm il-darba nfetah is-*safe deposit locker.*

Xehdet ukoll Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-Bank HSBC fejn sostniet li meta ghamlet ricerka fuq Enrico Calleja bil-karta tal-identita' numru 744324M irrizulta li huwa kellu hames (5) kontijiet liema kontijiet kollha gew maghluqin *'…fin-1999 u 2000 … u ghalhekk inghalqu wara l-mewt tieghu fir-rigward ta' dawn l-istatements li pprezentajt illum.'*

Jirrizulta mid-deposizzjoni tan-Nutar Michel Dingli a fol. 252 sa fol. 257 tal-process illi l-flus li kienu depositati lokalment gew kollha zbankati u divizi bejn il-partijiet. Hekk xehed in-Nutar Dingli illi:

> '…Imbaghad ghamilt action plan go mohhi li sussegwentement jiena ddivulgejt mas-17-il werriet. Ghidtilhom isma hekk u hekk. Mela hemm trasfuzjoni ta' propjeta. Id-dikjarazzjoni kawza mortis ghadha ma saritx. Taxxa ghadkom ma hallastux. Qed jghaddu l-interessi fuq it-taxxi u ktibt lill-werrieta kollha f'dan is-sens. Jiena l-involviment tieghi kien li kont qed nassisti lis-17-il werrieta b'mod ekwidistanti minn kull werriet. Il-kawza mortis saret u t-taxxa thallset u konna mexjin. Flus kien hemm u gew zbankati u divizi kollha ta' Malta.'

Illi fid-dawl ta' din id-deposizzjoni ma jirrizultax li ghad fadal x'jigi diviz fir-rigward ta' flus li kienu jinsabu lokalment.

**Investimenti mizmuma l-esteru:**

Illi apparti l-flus u l-investimenti li kienu jinsabu lokalment, kien hemm ukoll investimenti li kienu jinsabu l-esteru. Dwar dan xehed Joseph Felice. Kif jirrizulta mill-atti s-Sur Joseph Felice xehed diversi drabi tul il-kawza u ddeskriva l-irwol tieghu fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2009 (a fol. 110 sa fol. 113 tal-process) fejn stqarr illi:

> '…nghid li mhux ezattament amministratur. Jiena gejt nominat biex naghmel probate tal-beni li kellu l-esteru. Nghid li skond il-ligi ingliza tirrikjedi mill-eredi irid jappuntah biex taghmel din il-probate u niftakar li xi hadd kien nnominani u l-probate kienet saret.'

Illi mill-atti jirrizulta li dan Joseph Felice xehed fis-segwenti seduti:

1. Seduta ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2009 (a fol. 110 sa fol. 113 tal-process);

2. Seduta ta' nhar it-12 ta' Jannar, 2010 in kontro-ezami (a fol. 132 u fol. 133 tal-process);

3. Seduta ta' nhar is-17 ta' Frar, 2010 in kontro-ezami (a fol. 143 sa fol. 147 tal-process);

4. Seduta ta' nhar il-31 ta' Jannar, 2013 (a fol. 286 sa fol. 290 tal-process);

5. Seduta ta' nhar it-18 ta' April, 2013 (a fol. 299 u fol. 300 tal-process);

6. Seduta ta' nhar l-14 ta' Gunju, 2013 (a fol. 309 u fol. 310 tal-process);

7. Seduta ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 (a fol. 410 u fol. 411 tal-process);

8. Seduta ta' nhar is-16 ta' Jannar, 2015 (a fol. 456 sa fol. 463 tal-process);

9. Seduta ta' nhar it-28 ta' Lulju, 2017 (a fol. 587 sa fol. 596 tal-process);

10. Seduta ta' nhar it-12 ta' Gunju, 2018 (a fol. 617 sa fol. 633 tal-process).

Kif jirrizulta mid-diversi deposizzjonijiet moghtija minn Joseph Felice, l-irwol tieghu kien li jizbanka l-flus investiti li kien hemm l-esteru. Din il-Qorti tinnota li l-kwistjoni primarja u r-raguni ghala dan Joseph Felice ttella' jixhed daqstant drabi, kienet minhabba l-fatt li huwa qatt ma ta rendikont dettaljat tal-investimenti li gew zbankati minnu. Joseph Felice esebixxa diversi dokumenti li jirrapprezentaw *statements* u diversi korrispondenzi mal-esteru madanakollu minn dawn id-dokumenti ma jirrizultax l-ammonti li tqassmu bejn l-eredi tal-mejjet Enrico Calleja u x'ghad fadal, jekk verament ghad fadal. Pjuttost jirrizulta li kien hemm diskrepanzi fl-ammonti li gew distribwiti (ara a propozitu l-ittri ndikati bhala Dok F249 u Dok F250). Madanakollu din il-Qorti taghmilha cara li mhuwiex il-kompitu taghha li tezamina u tinvestiga l-inkarigu moghti lil Joseph Felice.

Illi l-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju huwa li tillikwida l-beni tal-mejjet Enrico Calleja. Il-Qorti sabitha difficli tidentifika mill-atti liema kienu dawk l-investimenti li gew zbankati u liema kienu dawn l-investimenti li ma gewx zbankati. Kif ukoll ma tistax tidentifika dawk l-investimenti li gew spartiti bejn l-eredi tal-mejjet Enrico Calleja, dan ghaliex l-ebda prova ma giet imressqa in atti dwar dan. Infatti tinnota li kull deposizzjoni moghtija minn Joseph Felice kienet dik li tissejjah *fishing expedition*! Mix-xiehda u mid-dokumenti esebiti fil-atti din il-Qorti ma tistax tidentifika bi precisazzjoni u tillikwida dawk l-investimenti esteri, jekk ghad baqa, x'jigi likwidat u dan ghar-ragunijiet suesposti. Li hu zgur hu li ghad hemm xi cekkijiet relatati ma' investimenti esteri li kienu mizmuma ghand in-Nutar Victor Bisazza li wkoll xehed f'dawn il-proceduri. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-assi rimanenti ghal dawk li huma investimenti u li jistghu jirrizultaw li ghadhom mhux spartiti, la darba dawn jirrizultaw, dawn ghandhom jigu divizi skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet (ara deposizzjoni tan-Nutar Victor Bisazza a fol. 192 sa fol. 198 tal-process).

**Safe Deposit Box:**

Illi fir-rigward is-*safe deposit lockers* jirrizulta li dawn gew miftuha fil-prezenza tal-partijiet u tan-Nutar Victor Bisazza u tan-Nutar Michel Dingli. Fid-deposizzjoni tieghu n-Nutar Victor Bisazza (a fol. 192 sa fol. 198 tal-process moghtija fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Mejju, 2011 in-Nutar Victor Bisazza qal illi:

> 'Mela ghandi photocopies tac-cekkijiet, ghandi fotokopja tal-kaxxa li hemm il-bank li tikkontjeni l-muniti, fotokopja tal-muniti, dettaljata u ffirmata minni u mill-partijiet kollha u minn Dingli. Dawn ghadhom il-bank. Jiena meta mort u

> nfethet dik il-kaxxa u kien hemm dawn kollha prezenti, mhux kaxxa wahda infethet imma iktar. Il-kontenut ta' dak jiena ghamiltu, ghamilna process verbal, ghamiltu kollu, ffirmawh il-partijiet nerga nghid u ffirmah Dingli u jiena. U Dingli ghandu c-cavetta. Jiena ghandi dan u Dingli ghandu ic-cavetta.'

Dan gie wkoll ikkonfermat minn Nutar Michel Dingli (a fol. 252 sa fol. 257 tal-process) fejn qal is-segwenti:

> 'Jiena kull ma ghandi tal-eredita Calleja hija cavetta ta' safe deposit box li kienet infethet fil-presenza tal-werrieta kollha u kif wkoll fil-prezenza ta' Dr Bisazza. Dr Bisazza zamm inventarju u jiena zammejt ic-cavetta ghax hekk kien il-qbil bejn kulhadd. Meta infethet is-safe deposit box tal-bank, hemm hekk il-bank sforza l-apertura ta' dik is-safe deposit box u imbghad hareg cavetta gdida. Ic-cavetta qeghda ghandi u l-inventarju ta' x'kien hemm fis-safe deposit box minbarra safe deposit box ohra fis-safe deposit box, dak qieghed fl-inventarju ghand Dr Bisazza.'

Illi malgrad li referenza saret ghal dan il-process verbal, kopja tieghu fl-atti ma gietx prezentata bil-konsegwenza li din il-Qorti ma tistax tidentifika bi precizazzjoni x'hemm ghal likwidazzjoni u divizjoni go din is-*safe deposit locker*. Di piu' skont dak li xehed in-Nutar Victor Bisazza gos-*safe deposit locker* hemm xi muniti. Din il-Qorti ma tistax tghaddi ghad-divizjoni ta' dawn il-muniti bejn il-werrieta stante li lanqas biss gew valutati minn persuna tekniku fil-materja. Illi ghalhekk indubbjament l-unika soluzzjoni hija li dawn l-muniti jigu mibjugha bil-licitazzjoni wara li tkun saret

valutazzjoni taghhom minn persuna teknika fil-materja u dan fl-atti tal-likwidazzjoni.

**Effetti Personali:**

Fir-rikors promotur gew indikati bhala oggetti ghad-divizjoni l-effetti personali fid-dar tal-mejjet Enrico Calleja. Illi fil-mori tal-kawza ma gewx identifikati x'inhuma l-effetti partikoli tal-mejjet Enrico Calleja li kienu fir-residenza tieghu u li huma ghad-divizjoni. Gialadarba ma tressqux provi ta' xiex kienu dawn l-oggetti personali din il-Qorti tifhem li effettivament ma kienx hemm oggetti ta' valur x'jigu divizi. Kif tghid il-massima legali *onus probanti incubit ei qui dicit non ei qui negat* u ghalhekk din il-Qorti tqis li la darba ma tressqux provi dan ifisser li ma kienx hemm effetti personali ta' valur x'jigi diviz.

**<u>Assi mmobbli:</u>**

Bhala proprjetajiet immobbli mill-atti jirrizulta li kellu s-segwenti:

1. Kwart indiviz ta' zewg oqbra enumerati rispettivament bin-numru tnejn (2), Division Letter "W", fis-Sezzjoni "A" (1A) Compartment Letter "C" u l-iehor enumerat bin-numru ghaxra (10) f'Division Letter "W" f'Sezzjoni "A" f'Compartment Letter "C";

2. Dar bl-isem Mayfair, bin-numru erbgha (4) fi Triq Santa Margerita, Sliema li giet diviza f'zewg proprjetajiet bin-numru wiehed (1) u tnejn (2). Jirrizulta li l-appartament bin-numru tnejn (2) kien jintuza bhala r-residenza ordinarja tal-mejjet Enrico Calleja;

3. L-utile dominium temporanju ghar-rimanenti perjodu ta' circa erbgha u ghoxrin (24) sena fuq il-fond bin-numru 80 fi Triq San Gwann il-Battista, Sliema kif suggetta ghac-cens annwu u temporanju fl-ammont ta' sitta u hamsin centezmu (56c). Jigi nnutat li mill-atti m'hemmx qbil kemm realment huwa r-rimanenti perjodu ta' cens annwu u temporanju fuq il-fond fejn fir-rikors guramentat gie ndikat bhala hmistax (15) il-sena u fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-14 ta' Settembru, 1999 gie ndikat bhala dak ta' erbgha u ghoxrin (24) sena (a fol. 31 sa fol. 49 tal-process);

4. Id-dar bin-numru 1B bl-isem Saint George fi Triq Graham, Sliema kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu fl-ammont ta' ghaxar ewro u tmienja u erbghin centezmu (€10.48);

5. Id-dar bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq Fra Diegu, Hamrun libera u franka.

Illi dawn l-immobbli gew iddikjarati mill-atturi u konvenuti fid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 14 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Michel Dingli fejn gie ndikat li bhala kwota d-dikjaranti ghandhom wiehed minn sbatax (1/17) indiviz kull wiehed (a fol. 31 sa fol. 49 tal-process).

Illi jirrizulta li fil-mori tal-kawza whud minn dawn il-proprjetajiet immobbli gew mibjugha lil terzi persuni u minn nota tal-atturi datata 14 ta' Gunju, 2019 gie dikjarat li l-proprjeta' mmobbli li ghadha in komuni bejn il-partijiet hija dik segwenti:

1. Il-proprjeta' li tinsab gewwa Triq St. John the Baptist, Sliema valutata mill-Perit Tekniku Mario Cassar lura fis-sena 2011 fis-somma ta' hamsa u tletin Elf Euro ´€35,000' kif suggetta ghall-kirja protetta vigenti favur terzi;

2. Zewg oqbra li qeghdin fic-Cimiterju tal-Addolorata valutati mill-Perit Tekniku Mario Cassar lura fis-sena 2011 ghas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) **kull wiehed.**

Illi fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku AIC Mario Cassar a fol. 413 sa fol. 448 tal-process ta' l-valur tal-immobbli kollha formanti parti mill-wirt tal-mejjet Enrico Calleja. Finalment huwa kkonkluda illi:

'a) L-esponenti huwa tal-fehma illi l-proprjetajiet ma humiex komodament divizibbli.

b) L-esponenti ma ghandhux informazzjoni dwar l-assi bankarji biex jaghti opinjoni lil din Onorabbli Qorti jekk dawn humiex komodament divizibbli.'

Illi din il-Qorti tinnota li l-ebda domandi in eskussjoni ma saru lill-Perit Tekniku kif ukoll l-ebda talba ghal periti perizjuri ma saret mill-partijiet.

Illi in vista ta' dak suespost din il-Qorti sejra taghmel taghha l-opinjoni tal-Perit Tekniku u tiddikjara li l-proprjeta' rimanenti m'hijiex komodament divizibbli u ghalhekk l-unika soluzzjoni hija li jsir il-bejgh b'licitazzjoni taghha. Bhala valur ghandu jkun dak relatat mill-Perit Tekniku AIC Mario Cassar fir-rapport li jinsab a fol. 413 sa fol. 448 tal-process.

**L-intimata Rose Gauci:**

Din il-Qorti rat fl-atti li l-intimata Rose Gauci ddikjarat fir-risposta taghha li hija trasferiet permezz ta' donazzjoni l-interess kollu taghha f'din l-eredita f'isem binha l-Avukat Dr Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana. Fl-atti saret talba ghall-kjamata fil-kawza taghhom lil din il-Qorti diversament preseduta. Rat ukoll li kien hemm oggezzjoni ghall-istess talba mill-atturi stante li sostnew li l-istess Dr Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana kellhom semplicement jassumu l-atti flok l-intimata Rose Gauci u rat li t-talba ghall-kjamat fil-kawza giet finalment michuda. Ghalkemm mill-atti jidher li l-intendiment bejn il-partijiet kien effettivament li Dr Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana jassumu l-atti flok l-intimat din il-Qorti ma sabet mkien miktub li Dr. Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana effettivament assumew l-atti flok Rose Gauci. In vista ta' dan din il-Qorti qed taghmilha cara li ghalkemm Dr Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana ma assumewx formalment l-atti f'isimhom flok Rose Gauci, stante li gie ampjament pruvat fl-atti li l-interessi kollha ta' Rose Gauci f'din l-eredita gew trasferiti lilhom, allura din id-decizjoni ghandu jkollha effett ai fini kollha tal-ligi fuq l-istess Dr Stefan Patrick Gauci u martu Gabriella nee' Taliana bhala s-successuri fit-titolu tal-istess intimata Rose Gauci.

**Ishma tal-partijiet:**

Illi mill-atti jirrizulta li l-partijiet ma jikkontestawx l-apertura tas-successjoni kif dikjarata permezz tad-digriet tal-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 19 ta' Frar, 1999 li jgib in-numru 160/99 esebit a fol. 7 et seq tal-process u ghalhekk il-Qorti

qed tiddikajra li l-ishma tal-partijiet, kif legittimati wkoll fl-atti odjerni a favur tas-successuri taghhom u aktar spjegati fit-tieni paragrafu tar-rikors mahluf, huma dawk indikati a fol. 10 tal-process kif konfermati permezz tad-digriet imsemmi. Ghandu jigi wkoll mehud kont ta' dak li gie dikjarat minn din il-Qorti fil-paragrafu precedenti intitolat '**L-intimata Rose Gauci:'.**

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi tal-mejjet Henry Calleja u li ghadhom in komuni bejn il-partijiet billi tiddikjara li jikkonsistu fil-beni mobbli segwenti:

i. Il-kontenut tal-kaxxa ta' depositu fi hdan il-Bank of Valletta u li taghha ghandhom ic-cwievet in-Nutar Victor Bisazza u n-Nutar Michel Dingli liema kontenut ma jirrizultax li gie vvalutat fl-atti tal-kawza;

ii. L-investimenti li jista' jirrizulta li ghadhom ghand is-Sur Joseph Felice bhala amminstrati minnu f'isem l-eredita ghalkemm ma tressqux provi sufficjenti sabiex dawn ikunu jistghu jigu effettivament likwidati minn din il-Qorti;

iii. L-investimenti kollha li ghadhom amministrati minn Nutar Victor John Bisazza f'isem l-eredita' u li wkoll ma tressqux

provi bizzejjed quddiem din il-Qorti sabiex ikunu jistghu jigu effettivament likwidati;

u fil-beni mmobbli segwenti:

(i) Il-proprjeta' li tinsab gewwa Triq St. John the Baptist, Sliema valutata mill-Perit Tekniku Mario Cassar lura fis-sena 2011 fis-somma ta' hamsa u tletin Elf Euro ´€35,000' kif suggetta ghall-kirja vigenti favur terzi;

(ii) Zewg oqbra li qeghdin fic-Cimterju tal-Addolorata valutati mill-Perit Tekniku Mario Cassar lura fis-sena 2011 ghas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) **kull wiehed.**

2. Tilqa' t-tieni talba fit-termini ta' dak deciz minn din il-Qorti taht it-titolu suespost "Ishma tal-paritjiet' u stante li jirrizulta biss li jistghu jigu komodament divizi l-assi mobbli u mhux dawk immobbli tordna li l-flus u inveistimenti mizmuma f'idejn in-Nutar Victor Bisazza u Joseph Felice u kwalunque flus ohra derivanti minn investimenti kemm lokali kif ukoll mill-esteru f'isem id-decujus, u li ghadhom ma gewx spartiti, ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom;

3. Ai fini tat-tielet talba tilqa' l-istess u tordna:

(i) li l-beni mobbli rimanenti konsistenti fil-kontenut tal-kaxxa ta' depositu fi hdan il-Bank of Valletta u li taghha ghandhom ic-cwievet in-Nutar Victor Bisazza u n-Nutar Michel Dingli ghandhom jingiebu ghall-bejgh b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei wara li ssir id-debita valutazzjoni taghhom;

(ii) tordna wkoll li l-beni immobbli hawn fuq dikjarati fl-ewwel talba ghandhom jingiebu ghall-bejgh b'licitazzjoni wkoll bl-amissjoni ta' oblaturi estranei liema bejgh ghandu jsir skont il-valutazzjonijiet rispettivi kif dikjarati mill-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti l-Perit Mario Cassar fir-rapport tieghu fl-atti; u finalment tordna li r-rikavat, wara li jinqatghu l-ispejjez, ghandu jinqasam bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi kif dikjarati f'din id-decizjoni;

4. Tichad ir-raba' talba stante li rrizulta li l-beni mhumiex komodament divizibbli;

L-ispejjez tal-kawza, billi din hija wahda ta' divizjoni ta' beni posseduti in komun, ghandhom jigu ssoportati mill-partijiet kollha skont l-ishma rispettivi taghhom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**